# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D.**

**Seduta tal-llum 28 ta' Ottubru 2022**

**Emanuel (K.I Numru 316065M) u Dorothy (K.I Numru 340369M) mizzewgin Bezzina**

***vs***

**Madeline Bezzina (K.I Numru 08775151M)**

**Kawża Numru : 17**
**Rikors Guramentat Numru : 904/2021 NB**

**Il-Bord,**

**I. PRELIMINARI**

**Ra r-rikors ta' Emanuel (K.I Numru 316065M) u Dorothy (K.I Numru 340369M) mizzewgin Bezzina datat 17 ta' Novembru 2021 fejn gie premess:**

1. Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-Blokk ta' appartamenti numru hamsa u erbghin (45), bl-isem Broadway Flats, li jinsabu gewwa Triq il-Fuxa, San Gwann (Vide Dok A u B);

2. Illi r-rikorrenti huma ghalhekk il-proprjetarji tal-appartament numru wiehed (1) li jifforma parti mill-Blokk ta' Appartament numru hamsa u erbghin (45), 'Broadway

Flats', Triq il-Fuxa, San Gwann, kif jidher mill-kuntratt ta' akkwist in atti Nutar Marco Burlo' datat 2 ta' Marzu 2004, hawn anness u mmarkat bhala Dok B;

3. Illi l-flat numru wiehed (1) li jifforma parti mill-Blokk ta' Appartamenti numru 45, 'Broadway Flats', Triq il-Fuxa, San Gwann, jinkera lill-intimata Madelaine Bezzina;

4. Illi din hija kera li tiggedded minn sena ghal sena u ghalhekk ir-rikorrenti that il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta ma kellhom ebda certezza jew prospettiva reali li jiehdu lura l-pussess tal-fond proprjeta' taghhom;

5. Illi r-rikorrenti, state li kienu qed jigu mcahhda mit-tgawdija tal-proprjeta’ taghhom u dan minghair ma jottjenu ebda forma ta' kumpens xieraq jew jithallsu rata ta' kera adegwata, bil-kirja favur Madeleine Bezzina, b'rata ta' kera ta' € 70.00 fix-xahar, ressqu b'success ilment kostituzzjonali. Infatti fit-12 ta' Ottubru, 2017 ir-rikorrenti intavolaw ir-Rikors numru 79/2017 JZM, fl-ismijiet, **'Emanuel Bezzina et vs. 1. Avukat Generali u 2. Madelaine Bezzina'**, sabiex jitolbu, inter alia, illi jigi dikjarat illi l-kirja in kwistioni tikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u illi l-intimata Madelaine Bezzina ma tistax tibqa' tistrieh fuq dak li jipprovdi l-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-kirja mertu tal-kawza odjerna;

6. Illi b'sentenza moghtija fis-27 ta' Jannar, 2021 il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali] fit-30 ta' Meiju, 2019 fl-ismijiet hawn fuq imsemmija u ohrajn fejn inter alia dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat, **‘Tipprovdi dwar it-tielet (3) talba, billi tiddikjara u tiddeciedi wkoll illi l-intimata Madelaine Bezzina ma tistax tistrieh izjed fuq id-dispozizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tibqa' jokkupa u toqghod fl-appartament fuq riferit.'** (Vide Dok C);

7. Illi in vista tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fuq imsemmija, ir-rikorrenti umilment jissottomettu illi ghalhekk l-intimata Madelaine Bezzina ma tistax tibqa' tuzufruwixxi minn dritt ta' rilokazzioni tacita moghti mill-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalhekk il-kirja taghha ghandha tigi terminata;

8. Illi ghalhekk ir-rikorrenti umilment jissottomettu illi l-kirja in kwistjoni ghandha tigi terminata min Dan l-Onorabbli Bord stante illi giet effettivament terminata meta l-Onorabbli Qorti' Kostituzzjonali ddeterminat illi l-provvedimenti tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta ma ghandhomx applikabbli ghall-kirja de quo u ghalhekk l-intimata qed tokkupa l-fond fuq imsemmi minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

9. Illi ghalhekk kellha sir il-kawza odjerna sabiex jigi, in segwitu ghall-kawza konstituzzjonali deciza kif fuq imsemmija, dikjarat ill l-intimata Madelaine Bezzina ma tistax tibqa' tgawdi mill-kirja vigenti tal-appartament numru wiehed (1) li jifforma parti mill-Blokk ta' Appartament numru hamsa u erbghin (45), 'Broadway Flats', Triq il-Fuxa,

San Gwann ai termini tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta), u biex konsegwentement dan l-Onorabbli Bord Jordna l-izgumbrament tal-intimata Madeline Bezzina mill-proprjeta' hawn fuq imsemmija gialadarba t-titolu gie terminat ex lege, kif indikat iktar 'il fuq, stante illi l-kirja in kwistioni tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Bezzina u ghalhekk li l-intimata Madelaine Bezzina ma tistax tibqa' tistrieh fuq din il-kirja abbuziva u illegali li tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti:

10. Illi intimata giet interpellata biex tizgombra mill-fond fuq imsemmi ghar-ragunijiet premessi permezz ta' ittra tat-8 ta' Marzu 2021 [Dok D] izda din baqghet inadempjenti u rrespingiet tali talba tar-rikorrenti [Dok E];

11. Illi l-esponenti jafu bil-fatti fuq imsemmija di scientia propria;

12. Illi fil-fehma tal-esponenti, l-intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq f'din il-kawza u li ghalhekk din il-kawza tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, tghid l-intimata ghaliex m'Ghandux Dan il-Bord Jilqa it-talbiet tar-rikorrenti li qieghdin hawn jitolbu li Dan il-Bord Joghgbu:

1. Jaqta u Jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Jiddikiara u Jiddeciedi illi l-intimata Madeline Bezzina ma tistax tibqa' tistrieh fuq id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini, Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tibqa' fl-okkupazzioni tal- appartament numru wiehed (1) li jifforma parti mill-Blokk ta' Appartament numru hamsa u erbghin (45), 'Broadway Flats', Triq il-Fuxa, San Gwann, li huwa proprjeta' tar-rikorrenti;

3. Jiddikjara u Jiddeciedi illi I-kirja li l-intimata Madelaine Bezzina kellha tal-appartament numru wiehed (1) li jifforma parti mill-Blokk ta' Appartament numru hamsa u erbghin (45), 'Broadway Flats', Triq il-Fuxa, San Gwann, li huwa proprjeta' tar-rikorrenti, giet terminata u li kull jum li l-intimata Madeline Bezzina qed tibqa' in okkupazzjoni tal-istess proprjeta', hija qed taghmel dan minghajr ebda titolu validu fil-ligi u konsegwentement qed tikkawza danni ingenti lill-istess rikorrenti;

4. Jordna u Jikkundanna lill-intimata Madeline Bezzina tizgombra mill-imsemmija proprjeta' tal-appartament numru wiehed (1) li jifforma parti mill-Blokk ta' Appartament numru hamsa u erbghin (45), 'Broadway Flats', Triq il-Fuxa, San

Gwann u thallih liberu u battal favur ir-rikorrenti fi zmien qasir u perentorju li dan l-Onorabbli Bord Joghgbu Jiffissa.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Ittra legali datata 8 ta' Marzu, 2021 [Dok D], u bir-rizerva ghall-kwalsiasi azzjoni spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimata Madelaine Bezzina li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

**Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2022 fejn il-Bord, wara li sema trattazzjoni dwar it-talba tar-rikorrenti biex il-kawza tinstema bil-procedura sommarja specjali, qies li hemm difiza valida li tista tinghata mill-intimata u akkorda lill-istess intimata terminu ta' 20 jum ghar-risposta.**

**Ra r-risposta guramentata ta' Madeline Bezzina (ID: 875151M) datata 2 ta' Frar 2022 (fol 57) fejn ġie espost:**

Preliminarjament, in-nullita tar-Rikors Guramentat ta' Emanuel u Dorothy mizzewgin Bezzina minhabba kontradizzjoni u inkonsistenza radikali fil-kawzali ta' l-istess att gudizzjarju, fejn jintqal:

illi l-kirja in kwistjoni ghandha tigi terminata ... stante illi giet effettivament terminata meta l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali . . . " [paragrafu numru 8];

"galadarba t-titolu gie terminat ex lege" (paragrafu numru 9);

Jiddikjara u Jiddeciedi illi I-kirja ... giet terminata" [paragrafu numru 3 tat-Talbiet gudizzjarji].

Il-kawzali tal-atturi huma, simultanejament, illi l-kirja effettivament Gia intemmet ex lege u li l-kirja effettivament ghadha ma ntemmitx u ghalhekk trid tigi terminata b'sentenza tal-Bord.

Preliminarjament, il-vertenza bejn il-partijiet hija, fil-parti essenzjali taghha, kombattiment u kontestazzjoni legali bejn id-dritt ghat-tgawdija tal-possedimenti garantit mill-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja kemm ta' l-atturi kif ukoll tal-konvenuta. L-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-27 ta' Jannar 2021 ghamlitha car illi l-lanjanza tal-konjugi Bezzina biss kellha Quddiemha l-Qorti:

"F'din il-kawza kellu jigi mistharreg jekk sidien il-kera sofrewx minn ksur tal-jedd fundamentali taht l-Artikolu 37 tal- Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll."

**Ghalhekk, issa jehtieg li tigi ezaminata l-lanjanza ta' Madelaine Bezzina, li hija differenti minn dik li ressqu l-konjugi Bezzina, u Tirrigwarda l-legal security of tenure'**

**taghha, kwistjoni kostituzzjonali din li ma gietx epurata u wisq inqas determinata mill-Qorti Kostituzzjonali. Ghal dan il-ghan, l-esponenti qeghda tressaq it-talba taghha ghal Riferenza Kostituzzjonali lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali).**

<u>Il-lanjanzi</u>

Il-lanjanzi kostituzzionali u konvenzionali ta' l-esponenti dwar vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali taghha huma relatati ma' vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319) u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll dwar il-harsien tal-possedimenti, fosthom illi l-Istat naqas li jipprotegi l-legal security of tenure' li kienet tippossjedi l-esponenti, u l-harsien ta' l-Artikolu 34 (3) tac-Charter of Fundamental Rights of the European Union:

In order to combat social exclusion and poverty, the Union recognises and respects the right to social and housing assistance so as to ensure a decent existence for all those who lack sufficient resources, in accordance with the rules laid down by Community law and national laws and practices.

Illi l-ligi tipprotegi lill-anzjani li kienu f'kirja qabel l-1995, fosthom l-esponenti li hija mara anzjana, fqira u ma ghandha xejn, la karozzi, la garaxxijiet, la djar ohra u lanqas flus il-bank. Il-ligi saret biex lil dawn l-anzjani s-sidien ma jitfghuhomx ‘il barra mill-appartamenti fejn jghixu.

Barra minn hekk, minkejja li l-Istat naqas li jipprotegi l-legal security of tenure' li ghandha l-esponenti, li suppost jinsab imhares mill-Istat, il-konjugi Bezzina rriservaw li jezercitaw kwalsiasi azzjoni kontra l-esponenti. Ghalhekk, anke dan ifisser li d-drittijiet fundamentali taghha qeghdin jigu mhedda jew sejrin jigu vjolati, liema minaccja tirrikjedi t-tutela jew harsien tal-ligi.

Inoltre, it-talba ghal zgumbrament, jekk tigi milqugha, ser jikkawzalha piz sporporzjonat. Lanqas ma qalet il-Qorti Kostituzzjonali illi Madeline Bezzina qed tokkupa l-fond "minghajr ebda titolu validu fil-ligi" kif jallegaw ir-rikorrenti, peress li huwa inkontestabbli li hemm fis-sehh kirja favur l-esponenti. Hija dejjem tiddepozita l-kera fir-registru tal-Qorti peress li l-kera qed tigi rifjutata mis-sidien.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti qieghda tressaq it-talba sabiex il-lanjanzi taghha jigu ezaminati mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 tal-Kap 319.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-esponenti teccepixxi fil-meritu illi l-kirjiet ta' qabel l-1995 kienu u ghadhom protetti u li l-esponenti ma ghandhiex post iehor fejn tmur tghix, u hija persuna fqira u l-

izgumbrament ser joholqilha piz sproporzjonat. Illi l-post mhuwiex liberu u battal izda gie akkwistat mis-sidien prezenti soggett ghall-kundizzjoni li kienu jafu biha u ffirmaw ghaliha "hekk kif mikri lil terzi". Pacta sunt servanda.

Ghalhekk, filwaqt li l-esponenti tirrespingi t-talbiet tal-konjugi Bezzina avvanzati f'din l-istanza bhala huma ingustifikati fil-fatt u fid-dritt, tissottometti bir-rispett illi dawn ghandhom jigu michuda, bl-ispeijez kontra taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

**Ra l-verbali tas-seduti.**

**Ra l-atti proċesswali kollha.**

**Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Gunju 2022 fejn il-kawża tħalliet għallum għas-sentenza bil-fakolta ta' noti ta osservazzjonijiet.**

**Ra n-Nota ta' Osservazzjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fit-22 ta' Settembru 2022 (fol 82 et seq).**

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qedin jitolbu l-izgumbrament tal-intimata mill-fond mikri lill-istess intimata b'kirja qabel l-1995 ossia tal-appartament 1, li jifforma parti mill-blokk ta' appartamenti numru 45, "Broadway Flats", Triq il-Fuxa, San Ġwann, proprjeta tar-rikorrenti u dan in segwitu ghal sentenza minnhom ottenuta tas-27 ta' Jannar 2021 (Dok. C – fol 12 et seq) mghotija mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-30 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet **Emanuel Bezzina et vs L-Avukat Ġeneral u Madelaine Bezzina** (79/2017JZM) permezz ta' liema gie dikjarat illi l-intimata Madelaine Bezzina ma tistax tistrieħ iżjed fuq id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tibqa' tokkupa u toqgħod fil-fond in meritu.

L-intimata laqghet ghal dawn it-talbiet billi sostniet illi r-rikors promutur huwa null minhabba kontradizzjoni radikali bejn il-premessi u t-talbiet, issollevat eccezzjoni ta' indoli kostituzzjonali u talbet li ghandu jkun hemm referenza kostituzzjonali dwar id-dritt taghha tal-'*legal security of tenure*' u fil-meritu qalet li t-talbiet attrici huma nfondati billi t-titolu ta' kera taghha kien u ghadu protett essendo titolu ta' kera qabel in-1995. Qalet ukoll li hi m'ghandiex fejn tmur u jekk tigi milqugha t-talba attrici hi se ssoffri piz sproporzjonat.

Illi mill-provi hareg li permezz ta' kuntatt ta' bejgħ tas-26 ta' Frar 1990, fl-atti tan-Nutar Dr Clyde La Rosa (Dok. A – fol 5 et seq), ir-rikorrenti akkwistaw mingħand Giuseppe

Debono l-appartament internament markat bin-numru 2 sovrappost għal erba` garages, formanti parti minn korp ta` bini li jikkonsisti f`sitt garages u ħanut fil-pjan terran u żewġ appartamenti fl-ewwel sular (first floor) mingħajr numru uffiċjali fi Triq il-Fuxa, San Ġwann, ġebel u saqaf, bid-drittijiet u pertinenzi tiegħu kollha nkluża l-*washroom* ta` fuq il-bejt u l-arja sovrastanti l-istess appartament, konfinanti mil-lvant mat-triq u mit-tramuntana u nofsinhar ma` beni tal-venditur, bħala soġġett għar-rata tiegħu ta` ċens annwu u perpetwu ta` Lm5 u bil-pussess vakanti.

Permezz ta' kuntratt ta' bejgħ tat-2 ta' Marzu 2004 fl-atti tan-Nutar Dr Marco Burlo` (Dok. B – fol 9 et seq), ir-rikorrenti xtraw u akkwistaw mingħand Catherine Cutajar u oħrajn il-flat internament markat bin-numru 1 jinsab fil-first floor level, formanti parti minn blokk li jġib in-numru 45 fi Triq il-Fuxa, San Ġwann, bl-arja libera tiegħu fis-sens li l-bejt li jiġi direttament sovrappost għal flat mibjugħ huwa nkluż fil-bejgħ, bil-komunjoni mal-flat l-ieħor fl-istess blokk, tal-entratura prinċipali, entrata, taraġ u tromba tat-taraġ, pjanijiet, shafts u dawk il-partijiet kollha ntiżi għall-użu komuni, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu u mhux revedibbli ta` Lm1 mill-bqija liberu u frank u ħieles minn kwalunkwe drittijiet u/jew servitu reali u/jew personali favur terzi, bid-drittijiet, ġustijiet u pertinenzi kollha tiegħu, u hekk kif mikri lil terzi.

L-appartament kien mikri lill-intimata Bezzina, versu l-kera ta` €70 fix-xahar.

Ir-rikorrenti pproċedew b'rikors kostituzzjonali fejn allegaw li kienu qegħdin jiġu mċaħħda mit-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom u dan mingħajr ma jottjenu ebda kumpens xieraq jew jitħallsu rata ta' kera adegwata bil-kirja favur l-intimata bir-rata €70 fix-xahar u dan fit-12 ta' Ottubru 2017 meta r-rikorrenti intavolaw ir-rikors numru 79/2017JZM fl-ismijiet **Emanuel Bezzina et vs L-Avukat Ġeneral u Madelaine Bezzina** fejn talbu li l-kirja inkwistjoni tiġi dikjarata li tikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u li l-intimata ma tistax tibqa' tistrieħ fuq dak li jipprovdi il-Kap. 69 fir-rigward tal-kirja mertu tal-kawża. B'sentenza tas-27 ta' Jannar 2021 (Dok. C – fol 12 et seq), il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet fuq premessi fejn iddikjarat li fir-rigward tat-tielet talba l-intimata Madelaine Bezzina ma tistax tistrieħ iżjed fuq id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tibqa' tokkupa u toqgħod fl-appartament 1, li jifforma parti mill-blokk ta' appartamenti numru 45, "Broadway Flats", Triq il-Fuxa, San Ġwann.

Minkejja li l-intimata, wara din is-sentenza, ġiet debitament interpellata sabiex tiżgombra mill-fond (Dok. D – fol 46) hija baqgħet inadempjenti u b'ittra responsiva (Dok. E – fol 47) issottemettiet li ma kienx hemm lok ta' zgumbrament.

Il-Bord ra wkoll l-affidavit tar-rikorrenti Emanuel Bezzina anness mar-rikors promotur (Dok. F – fol 49 et seq) fejn jagħti deskrizzjoni tal-fatti u kif ukoll ix-xhieda tiegħu fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2022 (fol 72A et seq). Il-Bord ra wkoll ix-xhieda tar-

rapprezentant tal-Awtorita tad-Djar Dr. Bryony Balzia Bartolo fl-24 ta' Gunju 2022 u Dok BB1 esebit mill-istess xhud (fol 76. et seq) li kkonfermat li fis-26 ta' Settembru 2019 l-intimata ssottomettiet applikazzjoni mal-Awtorita' tad-Djar (Dok. BBB1 – fol 76 et seq) ghal residenza alternattiva izda peress li għad m'hemmx sentenza ta' żgumbrament l-Awtorita' ma tistax tiskatta l-proċess biex tiġi allokata akkomodazzjoni.

***IKKUNSIDRA***

Illi f'dan il-kaz l-intimata fl-eccezzjonijiet taghha qeda tissolleva kwistjoni ta' indoli kostituzzjonali u talbet (fol 50) li dan il-Bord jagħmel riferenza kostituzzjonali sabiex jiġi determinat u deċiż jekk hemmx vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll dwar il-ħarsien tal-possedimenti fosthom illi l-Istat naqas milli jipproteġi l-*legal security of tenure* li kienet tippossjedi l-esponenti u l-ħarsien tal-Artikolu 34(3) tac-*Charter of Fundamental Rights of the the European Union*.

Il-Bord sejjer jindirizza l-ewwel u qabel kollox dan il-punt. Hawnhekk, il-Bord hu tal-fehema li l-parametri ta' lanjanza kostituzzjonali huma dettati mill-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid:-

> *Jekk f'xi proċeduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-dispozizzjonijiet tal-imsemmija Artikoli 33 sa 45 (magħdudin) dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kemm–il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċiment frivola jew vessatorja; u dik il-Qorti għandha tagħti d-deċiżjoni skont dan is-subartikolu (4) ta' dan l-Artikolu, il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċizjoni.*

Ir-rikorrenti fin-nota tagħhom jikkontendu li l-Bord ma jistax jirreferi kwistjonijiet kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili stante li l-Bord ma jitqiesx bħala 'Qorti'.

Il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Kummissarju ta' l-Artijiet vs Ignatius Licari nomine (9/2001/1)** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ġunju 2004 fejn ġie deċiż li l-Bord ta' Arbitraġġ Dwar Artijiet ma jaqax fid-definizzjoni ta' "qorti" ai fini tal-Artikoli 46(3) tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:-

> *...din il-Qorti tafferma li il-qrati li l-leġislatur qed jirreferi għalihom fis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni (moqri fid-dawl kemm ta' l-Artikolu 47(1) kif ukoll tad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni), kif ukoll fis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 li ġie meħud testwalment mill-Kostituzzjoni, huma, fil-kamp ċivili, il-Qorti Ċivili, il-Qorti ta' l-Appell u l-Qorti Kostituzzjonali kwantu Qrati Superjuri, u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) kwantu Qrati Inferjuri; u fil-kamp penali il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għal dak li huma l-Qrati Inferjuri, u l-Qorti Kriminali u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali għal dak li huma Qrati Superjuri. Il-Bord ta' Arbitraġġ*

*dwar Artijiet la jista' jiġi kkunsidrat bħala Qorti Superjuri u anqas bħala Qorti Inferjuri f'dan is-sens; u għalhekk l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 ma japplikawx għalih.*

Bl-istess mod dan l-insenjament japplika għal każ odjern stante li kemm il-Bord li Jirregola l-Kera u l-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet huma t-tnejn Bordijiet. Għalhekk, ladarba l-Bord Li Jirregola l-Kera ma jitqiesx bhala "qorti" għall-għanijiet l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, m'għandhux is-setgħa li jghati r-riferenza kostituzzjonali mitluba.

Għal dawn il-motivi l-Bord qiegħed jiċħad it-talba tal-intimata li ssir riferenza kostituzzjonali u jichad l-eccezzjoni marbuta mal-istess.

Sorvolat dan il-punt, il-Bord se jghaddi biex jiddetermina l-mertu ta' din il-kawza. Kif inghad permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qedin jitolbu l-izgumbrament tal-intimata mill-appartament Nru 1, "Broadway Flats", 45, Triq il-Fuxa, San Ġwann in segwitu ghal sentenza minnhom ottenuta mill-Qorti Kostituzzjonali permezz ta' liema gie dikjarat li l-intimata ma tistax tistrieħ iżjed fuq id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tibqa' tokkupa l-fond in meritu. L-intimata eccepiet li r-rikors promutur huwa null minhabba kontradizzjoni bejn il-premessi u t-talbiet u li t-talbiet attrici huma nfondati billi t-titolu ta' kera taghha kien u ghadu protett ghax huwa kera qabel in-1995.

**IKKUNSIDRA**

Fl-ewwel lok il-Bord ma jara ebda lok ta' nullita fir-rikors promutur. Il-premessi u t-talbiet huma cari bizzejjed biex l-intimata kienet taf ezattament u fehemet x'qed jintalab u ghaliex tant li ddefendiet ruhha bl-aktar mod ampju kontra t-talbiet attrici b'mod li ma jistax jinghad tant ebda cirkostanza li l-intimata kienet b'xi mod impedita jew pregudikata milli tiddefendi ruhha jew tifhem x'qed jintalab fil-kawza odjerna. Ghalhekk il-Bord hu tal-fehema li l-ewwel eccezzjoni tal-intimata m'ghandiex mis-sewwa u qed tigi respinta.

Fir-rigward tal-mertu jinghad li r-rikorrenti ottjenew pronunzjament li ddikjara li l-inkwilina ma tistax tibqa' tistrieħ fuq id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta biex tibqa' tokkupa l-fond in meritu. Il-Bord jaghraf li d-direzzjoni mogħtija mill-Qrati Kostituzzjonali f'kazijiet fejn bhal dak prezenti jkun ġie deċiż li l-inkwilina ma tistax tistrieħ iktar fuq il-liġi għat-tiġdid tal-kirja hija li jista' jiġi ordnat l-izgumbrament mill-fond rispettiv u dan għaliex il-pronunzjament fil-fora kostituzzjonali jkun nissel dritt kweżit fis-sid fil-mument li ġie ppronunzjat u dan id-dritt kweżit ma jistax jiġi reż fix-xejn b'emendi sussegwenti li jistgħu isiru fil-Ligi.

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tad-19 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet **Renato J. Costigan vs Malta Drydocks Corporation et (5/04 PS)** intqal is-segwenti:-

*"(3) Id-delimitazzjoni tan-normi l-ġodda introdotti ġiet bosta drabi operata billi wieħed jirrikorri għal dak magħruf bħala d-dritt kweżit li jfisser li n-normi l-ġodda jridu jirrispettaw dawk id-drittijiet li jkunu twieldu minn fatt akkwiżittiv u validu taħt il-liġijiet eżistenti u li jkunu allura ġja jifformaw parti mill-patrimonju ta' l-individwu;*

*(4) Dan kollu jinsab aħjar spjegat fid-deċiżjoni fl-ismijiet "Michele Muscat -vs- L-Onor. Roberto Briffa Collettore delle Dogane", Qorti Ċivili, Prim' Awla, 12 ta' April 1919 (Kollez. Vol. XXIV P II p 16). A propożitu fiha ntqal dan:- "Che è principio, che la legge esercita il suo impero colla promulgazione, che si confonde nel concetto giuridico colla sua pubblicazione o dal giorno in cui se ne fosse dato avviso, ed è inerente alle indole ed alla natura della legge che la stessa non disponga che per l' avvenire senza estendere il suo impero ai fatti gia compiuti e consumati. " 'Leges et constitutiones certum est futuris dare formem negotiis et non ad facta praeterita revocari' (Leg. 7 Cod. de Legibus). La legge di regola, quindi, non ha effetto retroattivo ed è di diritto volgare il broccardo che 'lex non habet oculos retro'.*

*"Che quantunqe sia in facolta del legislatore espressamente dichiara, che la legge debba comprendere nel suo impero anche gli atti, che non fossero ancora compiuti, tuttavia i diritti quesiti sono sempre di giustizia dalla legge rispettati. 'Nisi nominatim' scriveva l' antichita`, 'et de praeterito tempore et ad hoc pendentibus negotiis cautum sit' (Cod. de legibus)";*

*(5) Issokta jiġi puntwalizzat illi minn dan li ntqal jitnissel li "sew jekk id-dritt kweżit ikun kompjut, sew jekk ikun l-oriġini ta' fatt li jkun ġara taħt il-liġi preċedenti, u d-dritt skond dik il-liġi jkun perfett u kompjut, u fl-istess ħin ikun daħal fil-partimonju ta' min jirreklamah, u l-okkażjoni ta' l-eżerċizzju tiegħu tippreżenta ruħha taħt il-liġi l-ġdida, fl-ewwel ipotesi għaliex ir-retroattivita` hija mpossibbli u assurda, u fit-tieni ipotesi l-għaliex l-istess dritt ikun perfett taħt il-liġi antika qabel ma nħolqot l-okkażjoni ta' l-eżerċizzju tiegħu taħt il-liġi ġdida, l-istess għandu jiġi rispettat, u l-liġi ġdida; ma għandhiex, skond il-prinċipji elementari tal-ġustizzja u ekwita`, ikollha setgħa fuqu" - "Chev. Antonio Cassar Torreggiani nomine -vs- Nutar Dr. Vincenzo Gatt nomine", Appell Ċivili, 12 ta' Mejju 1950 (Kollez. Vol. XXXIV P I p 148);*

Il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-appell fl-ismijiet **Robert Galea vs Maġġur John sive Vanni Ganado et (41/2017/1 LM)** deċiż fil-25 ta' Mejju 2022 kellha sitwazzjoni simili għal każ mertu ta' din is-sentenza iżda fir-rigward tal-Kap. 158. Il-Qorti qalet illi:-

*Ladarba l-liġi prinċipali ġiet iddikjarata li hija leżiva tal-jeddijiet fundamentali tas-sid, kull att li huwa konsegwenzjali għat-tħaddim tad-disposizzjonijiet ta' dik il-liġi, għandu jitqies bħala xolt u terminat ukoll, u dan in linea ma' dak li jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Illi fis-sentenza **tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tas-7 ta' Lulju, 2021 (Nru 133/2020/1 LM fl-ismijiet Joseph Micallef et vs.David Vella** intqal hekk:

*9. L-appellant jispjega li l-ewwel aggravju tiegħu jittratta dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Bord iddikjara li l-azzjoni odjerna hija dik kontemplata fil-proviso tal-artikolu 1525 tal-Kap. 16. Dan filwaqt li fir-rikors promotur l-appellati speċifikament indikaw u invokaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 16A tal-Kap. 69. Jissottometti li dan l-aggravju tiegħu jorbot mal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sollevati minnu, inkwantu huwa qed*

*jikkontendi li minkejja l-pronunzjament tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, kemm fil-proċeduri li saru kontrih mis-sidien kif ukoll f'diversi sentenzi oħra tagħha, il-Kap. 69 kien għadu in vigore u l-appellati kienu saħansitra intavolaw l-azzjoni odjerna taħt id-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi. Għalhekk l-appellant jikkontendi li huwa konfliġġenti u inġust li filwaqt li huma kienu qegħdin jinvokaw dik il-liġi, ġie dikjarat li "...ma jistax aktar jistrieħ fuq il-protezzjoni tal-Kap 69 u tal-artikolu 1531Ċ tal-Kap 16 sabiex ikompli jgedded il-kirja". Għalhekk il-Bord kien mar oltre s-setgħa tiegħu meta ddikjara li l-kawża odjerna kienet saret korrettement mill-appellati, iżda fl-istess ħin iddikjara li l-azzjoni setgħet issir iżda taħt il-provvedimenti tal-proviso għall-artikolu 1525 tal-Kap. 16. L-appellant jinsisti li l-Bord ma setax jagħżel li ma japplikax il-liġi għall-benefiċċju tiegħu, iżda mbagħad japplikaha għall-benefiċċju tal-appellati u saħansitra jiġġustifika l-azzjoni tagħhom kif proposta abbażi ta' provvediment ieħor u differenti tal-liġi, għaliex b'dan kien ser ikun hu li ser isofri diskriminazzjoni u inġustizzja.*

*Dwar it-tieni aggravju, l-appellant isostni li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) kienet stiednet lill-Bord sabiex jinvestiga u jistħarreġ it-titolu tiegħu, iżda dan m'għamlux u saħansitra ddikjara biss mingħajr ma mar oltre li "...l-Prim'Awla ...fissret li proprju l-intimat David Vella huwa l-inkwilin attwali...". It-tielet aggravju tal-appellant jirrigwarda t-terminu prefiss mill-Bord li fih huwa għandu jiżgombra mill-fond, liema terminu qed isostni li huwa wieħed qasir wisq.*

*10. L-appellati filwaqt li jagħmlu riferiment għal dak li jipprovdu għalih l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u jiċċitaw ukoll silta mis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru, 2014 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Estelle Azzopardi et vs. Mikelina Said et, isostnu li ma kienx loġiku li l-appellant minkejja d-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), ikompli jgawdi l-kirja tal-fond. Jirrilevaw li bis-saħħa ta' dik is-sentenza r-rilokazzjoni m'għadhiex aktar viġenti u ma kien hemm xejn li seta' baqa' jżomm fis-seħħ ir-relazzjoni ġuridika tagħhom miegħu. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tal-appellant, l-appellati jissottomettu li l-artikolu 1531F tal-Kap. 16 ma kienx applikabbli llum, stante li ma kienx għad hemm kirja viġenti ladarba din ġiet itterminata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) suċitata. B'hekk stante li l-kirja ma kinitx għadha teżisti, l-appellant ma setax jippretendi li huwa jgawdi l-protezzjoni taħt liġi nulla u li kienet ġiet dikjarata mingħajr effett. Dwar l-aħħar aggravju tiegħu, l-appellati jinsistu li t-terminu huwa wieħed perentorju li m'għandux jiġi estiż. Jissottomettu li huma ilhom jistennew sabiex jieħdu pussess ta' ħwejjiġhom sa mill-1964, meta l-ġenituri tal-appellant daħlu fil-fond u minkejja diversi interpellazzjonijiet, huma baqgħu jirrisjedu hemmhekk.*

*11. Il-Qorti ser tibda billi tindirizza l-ewwel aggravju tal-appellant. Mill-ewwel jidher ċar li l-appellati sejsu l-azzjoni tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69, u dan jidher kemm mill-premessi tar-rikors promotur, kif ukoll mit-talbiet tagħhom lill-Bord. Mir-risposta li intavola l-appellant, jirriżulta li huwa stess għaraf li l-appellati ressqu l-azzjoni tagħhom ai termini ta' dik il-liġi, għaliex permezz tal-ewwel eċċezzjoni huwa saħansitra qal li l-Bord ma setax jgħaddi sabiex ma japplikax din il-liġi fid-dawl ta' dak deċiż mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) għall-benefiċċju tal-intimat, iżda japplikaha għall-benefiċċju tal-appellati.*

*12. Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza tagħha ddeċidiet kif ġej:"1. Tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara li bl-operazzjoni tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16, li qegħdin jagħtu dritt ta' lokazzjoni lill-intimat David Vella tal-fond mertu tal-kawża, qegħdin jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tar-*

*rikorrenti kif sanċiti permezz tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Konsegwentement, tiddikjara li l-intimat ma jistax aktar jistrieħ fuq il-protezzjoni tal-Kap. 69 u tal-artikolu 1531Ċ tal-Kap. 16 sabiex ikompli jġedded il-kirja".*

*13. Il-Bord filwaqt li għaraf li huwa kellu ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi l-vertenza odjerna għaliex kienet waħda kkontemplata mill-proviso tal-artikolu 1525 tal-Kap. 16, iżda għaraf ukoll li l-appellati ma kinux sejsu l-azzjoni tagħhom fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69, li għandhom x'jaqsmu mat-tiġdid tal-kirja, filwaqt li għamel riferiment għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla kif fuq ċitat, iżda għamel ċar li "Ir-referenza kienet għal dak li fil-Kap 69, għandu x'jaqsam ma' kontinwazzjoni ta' tiġdid ta' kera". Minn hemm il-Bord għadda sabiex iddikjara li l-argument tal-appellant kien wieħed infondat u rrileva s-segwenti konsiderazzjonijiet in sostenn tal-konklużjoni tiegħu:*

*"...(i) r-rikorrenti qed jipproċedi b'talba għal żgumbrament quddiem il-Bord kompetenti; (ii) r-rikorrenti mhumiex qed jinvokaw xi artikolu mill-Kap 69 sabiex b'xi mod, jitolbu xi tiġdid tal-kirja, anzi addirittura qed jitolbu l-oppost, stante li qed isostnu li l-kirja ġiet terminata ex lege ai termini tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja u (iii) r-rikorrenti ipproċedew b'din il-kawża stante li fis-sentenzi sal-lum mogħtija f'sede Kostituzzjonali, qed jaddottaw sistema fejn ikun meħtieġ li jkun hemm proċeduri ad hoc quddiem dan il-Bord biex l-inkwilin jiġi żgumbrat, ġialadarba mhumiex huma nfushom jgħaddu biex jordnaw l-iżgumbrament bħala rimedju."*

*14. Għalhekk huwa ċar li l-Bord bl-ebda mod ma kien qed jagħraf li l-kawża odjerna kienet qiegħda tiġi msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69, iżda korrettement għaraf li kienet saret konsegwenza ta' dak li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) iddikjarat fis-sentenza tagħha. L-appellant għalhekk hawnhekk m'għandux raġun jargumenta li "...r-rikorrenti ppronponew u ressqu l-azzjoni odjerna taħt id-disposizzjonijiet ta' dik il-Liġi", u b'hekk ma jista' jirriżulta l-ebda konflitt jew inġustizzja kif allegat minnu fejn jargumenta li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 ma jistgħux jiġu applikati favur l-appellati, filwaqt li huwa ma jistax jieħu vantaġġ minnhom ukoll. Dan jgħodd ukoll għas-sottomissjonijiet li l-appellant jagħmel fl-aħħar paragrafu tiegħu fejn jittratta t-tieni aggravju.*

*15. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tal-appellant, fejn dan qed isostni li fuq stedina tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), il-Bord kien tenut jinvestiga t-titolu tiegħu, din il-Qorti tgħid li hawnhekk ukoll il-Bord għaraf tajjeb li dan ma kienx hemm bżonn li jsir, għaliex il-pern tal-vertenza kollha kienet proprju l-fatt li l-appellant kien qed jistrieħ fuq il-protezzjoni li kienu jagħtuh id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 sabiex ikompli jġedded il-kirja tiegħu, u hawn il-Qorti żżid tgħid indipendentement mill-kwistjoni ta' kif huwa kien akkwista t-titolu tiegħu ta' lokazzjoni. Fl-aħħar konsiderazzjoni tiegħu fejn jittratta r-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-appellant, jagħti fis-suċċint il-pożizzjoni korretta li kellha tiġi meqjusa fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), li wara kollox m'għamlet l-ebda stedina, iżda ippronunzjat biss ruħha fuq dak li tirrikjedi l-liġi fejn jirriżultaw kwistjonijiet ta' titolu:*

*"In fatti, jerġa' jiġi ribadit li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), iddeċidiet li l-fatt li l-Kapitolu 69 jagħti dritt ta' rilokazzjoni lill-intimat b'rata ta' kera baxxa, iwassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u anke llikwidat ammont bħala kumpens għal danni sofferti" (enfażi ta' din il-Qorti).*

*16. Għal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju tal-appellant, fejn qed isostni li t-terminu prefiss mill-Bord sabiex huwa jiżgombra mill-fond, din il-Qorti tikkonsidra li terminu ta' tletin jum seta' jitqies bħala wieħed qasir li kieku l-appellant mingħajr l-ebda ħjiel ta' dak li kellhom f'moħħhom l-appellati, sab ruħu ħabta u sabta rinfaċċjat b'dan it-terminu. Imma l-Qorti tqis li l-appellati kienu ressqu t-talba tagħhom għall-iżgumbrament tiegħu quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, hekk kif intavolaw il-proċeduri kostituzzjonali fil-konfront tiegħu fis-sena 2018, u fid-dawl tal-ġurisprudenza kostanti tal-qrati kostituzzjonali, huwa kien jaf sew li wisq probabbli dawk il-proċeduri kienu ser iwasslu eventwalment għal pożizzjoni prekarja tiegħu bħala inkwilin tal-fond. B'hekk huwa ma setax ġie sorpriż bis-sentenza appellata u kien tenut jagħmel l-arranġamenti minnufih sabiex isib akkomodazzjoni alternattiva. Għal din ir-raġuni, il-Qorti ma ssibx li għandha ttawwal it-terminu prefiss mill-Bord.*

L-istess prinċipji fuq enuncjati japplikaw għal każ odjern. Il-Bord iqis li meta l-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz prezenti kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fejn iddikjarat li l-intimata Bezzina ma setghetx aktar tistrieh fuq id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69 sabiex tibqa' tokkupa l-fond de quo, dan ifisser proprju li l-intimata ma tistax tibqa' tinvoka d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69, u dawk l-emendi li jolqtu l-istess kirja, sabiex tibqa' tokkupa l-fond in kwistjoni bħala inkwilina. Jekk il-Bord jiddeċiedi mod ieħor, ikun dan l-istess Bord li jkun qiegħed jipperpetwa l-ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti. B'hekk il-Bord hu tal-fehema li l-kirja tal-intimata ġiet terminata *ex lege* ai termini tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja b'effett tas-sentenza fuq imsemmija mghotija mill-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Jannar 2021 u r-rikorrenti qedin jipproċedu bl-istanti stante li fis-sentenzi mogħtija f'sede Kostituzzjonali, giet adottata sistema fejn ikun meħtieġ li jkun hemm proċeduri *ad hoc* quddiem dan il-Bord biex l-inkwilin jiġi żgumbrat.

Il-Bord jaqbel mas-sottomissjoni tal-atturi illi ta' xejn l-intimata ssostni li hija ghadha tgawdi kirja protetta ghaliex bis-sentenza kostituzzjonali gja gie determinat li l-intimata ma tistax tibqa tistrieh fuq id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69 sabiex tibqa' tokkupa l-fond *de quo* u ghalhekk l-intimata ma tistax tibqa tuzufruwixxi mill-protezzjoni pprovduta mill-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan il-pronunzjament tal-Qorti huwa *res judicata*. Il-Bord izid li l-intimata hija ben konsapevoli li l-protezzjoni taghha giet terminata bis-sentenza sudetta u li hija m'ghandiex dritt tibqa tokkupa l-fond in meritu tant li kif jidher mill-applikazzjoni sottomessa lill-Awtorita tad-Djar (Dok BB1 - fol 76 et seq) l-intimata talbet li tigi mghotija akkomodazzjoni socjali u bhala raguni ghat-talba taghha indikat hekk: "***Ghax il-Qorti qatatha li s-sid jerga jiehu il-post lura***". Ghalhekk il-Bord qieghed jichad ukoll it-tielet eccezzjoni tal-intimata fejn qed tikkontendi li hija tgawdi minn kirja protetta.

Kwantu ghat-tieni parti tat-tielet eccezzjoni tal-intimata fejn qed tghid li l-iżgumbrament ser joholqilha piz sproporzjonat u li l-atturi kienu jafu x'qed jixtru meta xtraw il-fond in meritu bhala 'hekk kif mikri lil terzi' u *pacta sunt servanda* il-Bord jirrileva li dan kollu gja gie trattat u deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha

u jaghmel tieghu dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali partikolarment para 39. tal-istess sentenza. Ghalhekk anke din il-parti tal-ecezzjoni tal-intimata qeda tigi michuda.

B'hekk il-Bord sejjer jilqa' t-talbiet attriċi. Madnakollu in vista tal-fatt illi fuq naha wahda l-intimata hija ta' eta` avvanzata u hemm proċess li ghad irid jitkompla mal-Awtorita' tad-Djar sabiex hija tiġi allokata akkomodazzjoni u minn naħa l-oħra  l-fatt li r-rikorrent kellhom jgħaddi minn diversi proċeduri ġudizzjarji sakemm waslu s'hawn u tenut kont ukoll li l-intimata kienet konsapevoli mill-pozizzjoni prekarja taghha tant li ssottomettiet l-applikazzjoni taghha ghall-akkomodazzjoni socjali fis-26 ta' ta' Settembru 2019 (fol 80) il-Bord sejjer jimponi terminu perentorju ta' sittin (60) ġurnata fuq l-intimata biex tivvaka mill-fond.

**III. <u>KONKLUŻJONI.</u>**

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, il-Bord jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mir-risposti tal-intimata billi:-

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-ewwel talba;

2. Jilqa' t-tieni talba;

3. Jilqa' t-tielet talba u jiddikjara l-kirja li l-intimata Madelaine Bezzina kellha tal-appartament numru wieħed (1) li jifforma parti mill-Blokk ta' Appartamenti numru ħamsa u erbgħin (45), "Broadway Flats", Triq il-Fuxa, San Ġwann, proprjeta' tar-rikorrenti, bħala xolta u terminata.

4. Jilqa' r-raba' talba u jordna u jikkundanna lill-intimata Madelaine Bezzina tiżgombra mill-appartament numru wieħed (1) li jifforma parti mill-Blokk ta' Appartamenti numru ħamsa u erbgħin (45), "Broadway Flats", Triq il-Fuxa, San Ġwann entro t-terminu perentorju ta' sittin (60) ġurnata dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u tħalli l-fond liberu u battal favur ir-rikorrenti.

Spejjez a karigu tal-intimata.

**Moqrija.**

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur** **28 ta' Ottubru 2022**